Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

# IL-PULIZIJA (SPETTUR SARAH MAGRI) V. ADRIAN CARL CAMILLERI (KI. NRU 252191M)

(UŻU TA' VETTURA LI MA' TKUNX ĠIET REĠISTRATA TAĦT L-ATT DWAR IR-REĠISTRAZZJONI U L-LIĊENZJAR TA' VETTURI BIL-MUTUR – KAP. 368, ART. 21(1)(A) – NUQQAS LI BĦALA RESIDENTI MALTI WIEĦED JAVŻA LILL-AWTORITA' BIL-WASLA TA' VETTURA REĠISTRATA F'PAJJIŻ IEĦOR BIL-ĦSIEB TIEGĦU LI JUŻAHA FIT-TRIQ F'MALTA GĦAL MHUX AKTAR MINN 30 JUM KONSEKUTTIV – KAP. 368, ART. 21(1)(J) – NUQQAS LI BĦALA RESIDENTI MALTI WIEĦED JIKSEB MILL-AWTORITA' PERMESS TA' ĊIRKULAZZJONI TEMPORANJU GĦALL-UŻU F'MALTA TA' VETTURA REĠISTRATA F'PAJJIŻ IEĦOR GĦAL MHUX AKTAR MINN 30 JUM KONSEKUTTIV – KAP. 368, ART. 21(1)(K) – NUQQAS LI BĦALA RESIDENTI MALTI WIEĦED JAVŻA LILL-AWTORITA' BIL-WASLA TA' VETTURA REĠISTRATA F'PAJJIŻ IEĦOR BIL-ĦSIEB LI JUŻAHA FIT-TRIQ ĠEWWA MALTA – KAP. 368, ART. 21(1)(N) – SEWQAN MINGĦAJR LIĊENZJA TAS-SEWQAN – KAP. 65 ART. 15(1)(A),(3) – UŻU TA' VETTURA MINGĦAJR KOPERTURA TA' ASSIGURAZZJONI DWAR RISKJI TA' TERZI – KAP. 104 ART. 3(1))

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**8 ta' Ġunju 2021**

IL-QORTI,

wara li kkunsidrat l-imputazzjonijiet maħruġa kontra Adrian Carl Camilleri, detentur tal-karta tal-identità numru 252191M residenti H' Attard ("l-Imputat" jew "id-Difiża"),

wara li rat illi din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta permezz tal-assenjazzjoni magħmula ai termini tal-Artikolu 520(1)(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Artikolu 11(9) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta b'effett mill-10 ta' Mejju 2019,

wara li semgħet ix-xhieda mressqa mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża,

wara li qrat it-traskrizzjoni tat-testimonjanza tax-xhieda kollha mressqa mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża,

wara li rat id-dokumenti l-oħra kollha li ġew esebiti fil-kors tal-kawża,

wara li semgħet it-trattazzjoni orali magħmula għan-nom

- tal-Prosekuzzjoni, mill-Ispettur Sarah Magri,
- tad-Difiża, mill-Avukat Dr. Marouska Debono,

qed tagħti din is-

## Sentenza

1. Il-Pulizija ressqet lill-imputat bis-segwenti imputazzjonijiet:

    1. Talli nhar is-16 ta' Lulju 2018 għall-ħabta ta` 11.30hrs, fil-jiem u fil-ġimgħat ta' qabel, ġewwa Xatt it -Tiben, Floriana u ġewwa dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jkunu kisru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, u jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-Awtorità uża vettura tal-mutur li ma' ġietx reġistrata taħt l-Att Dwar Ir-Reġistrazzjoni u L-Liċenzjar Ta' Vetturi Bil-Mutur (Kap. 368, Art. 21(1)(a)).

    2. Talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, bħala persuna li għandu r-residenza normali tiegħu f'Malta naqas li javża lill-Awtorità bil-wasla ta' vettura reġistrata f'pajjiż ieħor bil-ħsieb tiegħu li jużaha fit-triq f'Malta għal perjodu ta' mhux aktar minn tletin jum konsekuttiv (Kap. 368, Art. 21(1)(j)).

    3. Talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, bħala persuna li għandu r-residenza normali tiegħu f'Malta naqas li jikseb mill-Awtorità permess ta' ċirkulazzjoni temporanju għall-użu f'Malta ta' vettura reġistrata f'pajjiż ieħor għal perjodu ta' mhux aktar minn tletin jum konsekuttiv (Kap. 368, Art. 21(1)(k)).

    4. Talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, bħala persuna li għandu r-residenza normali tiegħu f'Malta naqas li javża lill-Awtorità bil-wasla ta' vettura reġistrata f'pajjiż ieħor bil-ħsieb tiegħu li jużaha fit-triq f'Malta (Kap. 368, Art. 21(1)(n)).

    5. Talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi saq vettura bil-mutur jew vettura oħra, mingħajr liċenzja tas-sewqan (Kap 65 Artiklu 15 (1) (a), (3)).

6. Talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi uża vettura bil-mutur fit-toroq meta għall-użu tal-vettura minnu ma kienetx isseħħ polza ta` assigurazzjoni dwar ir-riskji ta` terzi persuni (Kap 104 Artiklu 3 (1)).

**Provi mressqa mill-Prosekuzzjoni**

2. Il-Prosekuzzjoni ressqet is-segwenti provi:

1. Affidavit tal-**Ispettur Sergio Charles Pisani**[1]
2. Affidavit ulterjuri tal-**Ispettur Sergio Charles Pisani**[2]
3. Affidavits ta' **RPC 3140 G. Farrugia**, **RPC 3010 D. Debattista** u **RPC 3102 Raymond Bonnici**[3]
4. Xhieda ta' **Stephen Cachia**, rappreżentant ta' Transport Malta, mogħtija fit-12 ta' Frar 2019
5. Xhieda ulterjuri ta' **Stephen Cachia**, rappreżentant ta' Transport Malta, mogħtija fl-1 ta' Ottubru 2019
6. Xhieda ta' **RPC 3102 Raymond Bonnici** mogħtija fis-seduta tat-22 ta' Settembru 2020[4]

3. L-**Ispettur Sergio Charles Pisani** xehed bil-mezz tal-affidavit li ġie ppreżentat mal-kompariXxi. Fis-seduta tal-14 ta' Jannar 2020 wara li l-Prosekuzzjoni esebiet affidavit ulterjuri tal-istess Spettur u ddikjarat il-provi tagħha magħluqa, il-Qorti ordnat illi għas-seduta ta' wara jitla jixhed in kontroeżami l-istess Spettur. Peress illi fis-seduta ta' wara, dik tat-22 ta' Settembru 2020, dan naqas milli jitla minkejja li kien debitament inġunt, il-Qorti ordnat l-isfilz tal-affidavits tiegħu.

4. Fl-affidavits identiċi tagħhom, **RPC 3140 G. Farrugia**, **RPC 3010 D. Debattista** u **RPC 3102 Raymond Bonnici** xehdu illi nhar it-Tnejn 23 ta' Lulju 2018 huma kien ġew mitluba mill-Ispettur Sergio Charles Pisani sabiex jagħmlu spezzjoni u tiġi stabbilita' l-identità ta' mutur tal-għamla *Piaggio*. Din l-ispezzjoni saret ħdejn l-uffiċini tat-taqsima tat-Traffiku ġewwa l-*garage* tal-Pulizija u minnha rriżulta illi l-mutur, li kien bla dokumenti, kien tal-għamla Vespa Piaggio ta' kulur aħdar u kellu

[1] Fol 2
[2] Fol 41
[3] Fol 13-15
[4] Fol 57

numru ta’ *chassis* SIM3T086986 u numru tal-magna 686110. Dawn in-numru dehru li kienu oriġinali.

5. Ritratt ta’ dan il-mutur u kopja tar-rapport tal-ispezzjoni ġew esebiti bil-ġurament mill-Prosekuzzjoni, separatament mill-affidavit tal-Ispettur Sergio Charles Pisani, fis-seduta tat-12 ta’ Frar 2019[5].

6. **RPC 3102 Raymond Bonnici** imbagħad in kontroeżami kkonferma ftit jew wisq dak li xehed fl-affidavit tiegħu mingħajr ma’ żied xejn ta’ sustanza.

7. **Stephen Cachia**, għan-nom ta’ Transport Malta, fis-seduta tat-12 ta’ Frar 2019 ma’ kienx f’posizzjoni li jixhed dwar taħt liema kategorija jaqa’ l-mutur in kwistjoni. Biss huwa qal illi l-mutur ma’ kienx reġistrat mal-Awtorità. Fis-seduta tal-1 ta’ Ottubru 2019 l-istess xhud ikkonferma li mic-*chassis number* mogħti lilu rriżultalu illi l-mutur ma’ kienx ġie rreġistrat mill-Awtorità u kkonferma ukoll illi l-imputat ma’ kellu l-ebda liċenzja tas-sewqan taħt il-kategorija li jista’ jsuq mutur, iżda kellu waħda taħt Kategorija B, ossia’ li tippermettilu isuq karozza.

**Provi mressqa mid-Difiża**

8. Fis-seduta tat-22 ta’ Settembru 2020 xehed l-imputat **Adrian Carl Camilleri** fejn *inter alia* stqarr is-segwenti:

*“L-ewwelnett dan mutur antik hafna. Kien ta' nannuhi mkisser u spicca ghandi la miet nannuhi u sibtu fil- garaxx u sewwejtu u rrangajtu kif suppost. Sadanittant jiena kont cempilt darba, darbtejn lil Transport Malta u qaluli li dan mhux mutur ghax qed jghidu Ii mutur huwa Mopad hu, biI- pedali jigifieri u kollox. U qaluli tista' ssuqu dak iz- zmien. Imbaghad ghadda ż-żmien u kont qieghed naghmel Masters Londra u gejt ghal jumejn Malta u kelli meeting il-Belt. U dhalt bih il-Belt. Jigifieri tant kemm ma kontx naf li qed nikser il-ligi, fejn qabadni dan, qabadni minn quddiem id-Depot tal-Furjana. U sadanittant iien l-ghada li qabadni kelli mmur lura Londra u ncempel u qaluli fuq il-mutur x’ nista ' naghmel. Imbaghad ircivejt l-ittra tal-Qorti.”*

[5] Fol 10, 11

9. L-imputat insista li qabel ma' nqabad huwa kien saq il-mutur darbtejn u kien ċempel ukoll darbtejn lil Transport Malta u ġie nfurmat, kemm bit-telefon u kemm bl-email, li seta' jsuq il-mutur in kwistjoni. Ikkonferma li l-mutur huwa tad-ditta Piaggio Si u li l-magna tiegħu hija 50 *cc* u ma' taqbiżx il-45 km fis-siegħa. In kontroeżami huwa kkonferma illi qabel ma' saq il-mutur, it-*telephone operator* ta' Transport Malta kkonfermatlu li seta' jsuq il-mutur. Għall-ewwel xehed illi ma' kienx jaf isimha u li kien għaġġel meta mar għall-*meeting* il-Belt bil-mutur minflok ma' qabad *taxi* jew tal-linja. Imbagħad iktar tard in kontroeżami xehed illi l-*email* proprjament ma' kienetx tindirizza din il-kwistjoni b'mod speċifiku u li fi kwalunkwe każ ma' kienx ġabha miegħu bħala prova. Semma ukoll lil persuna bl-isem ta' Miriam bħala dik li kkorrispondiet miegħu bl-*email.*

**Kunsiderazzjonijiet dwar ħtija**

*L-ewwel imputazzjoni*

10. L-ewwel imputazzjoni hija dik illi nhar is-16 ta' Lulju 2018 għall-ħabta ta` 11.30hrs, fil-jiem u fil-ġimgħat ta' qabel, ġewwa Xatt it -Tiben, Floriana u ġewwa dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jkunu kisru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, u jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-Awtorità, l-imputat uża vettura tal-mutur li ma' ġietx reġistrata taħt l-Att Dwar Ir-Reġistrazzjoni u L-Liċenzjar Ta' Vetturi Bil-Mutur (Kap. 368, Art. 21(1)(a)).

11. L-Artikolu in kwistjoni taħt il-Kap. 368 tal-Liġijiet ta' Malta jaqra kif ġej:

*'21. (1) Kull min-*

*(a) mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-Awtorità jew bi ksur ta' xi kundizzjoni li taħtha setgħet ingħatat dik l-awtorizzazzjoni, ikollu fil-pussess tiegħu, juża jew jippermetti li tintuża jew ibiegħ jew xort'oħra jittrasferrixxi jew joħroġ jew jippermetti li tinħareġ minn xi depożt tad-dwana jew ineħħi jew jippermetti li titneħħa minn xi mkien fejn vettura bil-mutur tkun ġiet manifatturata xi vettura bil-mutur li ma tkunx ġiet reġistrata bis-saħħa ta' dan l-Att ...*

*... ikun ħati ta' reat ...'*

12. Imbagħad l-Artikolu 2A(1) tal-istess Att jipprovdi illi salv għal xi eċċezzjonijiet (li ma' japplikawx għall-każ odjern):

*'2A. (1) L-ebda persuna ma għandu jkollha fil-pussess tagħha jew taħt ir-responsabbiltà tagħha xi vettura bil-mutur li ma tkunx ġiet irreġistrata ma' l-Awtorità u li fuqha t-taxxa ta' reġistrazzjoni applikabbli ma tkunx tħallset'*

13. "*Vettura bil-mutur*" hija definita fl-Att bħala

*'kull vettura li tidħol f'xi waħda mit-tifsiriet elenkati fl-Ewwel u t-Tieni Skeda li tinsab ma' dan l-Att'*

14. Fit-Tieni Skeda tal-Att taħt Kategorija Ċ filfatt jinstab il-mutur in kwistjoni u dan jaqa' taħt muturi li l-qawwa tal-magna tagħhom ma' tkunx aktar minn 250cc. L-ebda taxxa fuq ir-reġistrazzjoni ma' titħallas fuq dawn it-tip ta' muturi iżda naturalment huwa xorta waħda obbligatorju illi dawn jiġu reġistrati mal-Awtorità.

15. Mix-xhieda prodotta f'din il-kawża inkluż dik tal-imputat innifsu huwa ċar illi din l-imputazzjoni tirriżulta. Huwa veru illi l-imputat jgħid illi xi ħadd mill-Awtorità kien infurmah illi seta' jsuq il-mutur. Madanakollu l-imputat ma' tantx kien ċar u konvinċenti fix-xhieda tiegħu apparti li ma' ressaqx provi in sostenn tal-allegazzjonijiet tiegħu. Inoltre *ignorantia juris non excusat* u l-imputat messu kien iżjed attent illi qabel ma' jsuq il-mutur jottjeni konferma uffiċjali, jekk hemm bżonn bil-miktub, ta' x'seta' u ma' setax jagħmel bil-mutur in kwistjoni.

*It-tieni, it-tielet u r-raba' imputazzjonijiet*

16. Biex jirriżultaw it-tieni, it-tielet u r-raba' imputazzjonijiet jeħtieġ illi jiġi ppruvat illi:

    1. L-imputat għandu r-residenza normali tiegħu f'Malta,
    2. Il-vettura in kwistjoni tkun ġiet reġistrata f'pajjiż ieħor barra minn Malta,
    3. L-imputat naqas milli javża lill-Awtorità' bil-wasla tal-vettura li tkun sejra tintuża fit-triq (ir-raba imputazzjoni) għal perjodu ta' mhux iktar minn 30 jum konsekuttiv (it-tieni imputazzjoni) u/jew naqas milli jikseb permess ta' ċirkulazzjoni temporanju mill-Awtorità għall-użu tal-vettura f'Malta għal perjodu ta' mhux iżjed minn 30 jum konsekuttiv (it-tielet imputazzjoni).

17. Il-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova l-ewwel żewġ elementi, ċioe dik illi l-imputat għandu r-residenza normali tiegħu f'Malta u dik illi l-vettura in kwistjoni kienet ġiet reġistrata f'pajjiż ieħor barra minn Malta. Fir-rigward tal-ewwel element, xejn ma'

jista' jiġi preżunt, u l-Prosekuzzjoni kellha minimament tressaq provi tar-residenza normali ossia ordinarja Maltija tal-imputat. Fir-rigward tat-tieni element, l-imputat xehed illi l-mutur kien antik ħafna u kien jappartjeni lil nannuh qabel ma ħadu hu wara mewtu. Minn imkien ma' jirriżulta illi l-mutur qatt kien reġistrat taħt xi ġurisdizzjoni jew oħra.

18. Għalhekk it-tieni, it-tielet u r-raba' imputazzjonijiet ma' jirriżultawx.

*Is-sitt imputazzjoni*

19. L-imputazzjoni illi l-imputat kien qed isuq mingħajr liċenzja valida tas-sewqan tirriżulta b'mod ċar. Skond il-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.18 sewwieq ta' *moped* bħal ma' hu l-mutur in kwistjoni (ossia', skond id-Direttiva 2002/24/KE, l-qawwa tal-magna tiegħu ma' teċċedix 50 *cc*) għandu bżonn liċenzja tas-sewqan taħt Kategorija AM. Ix-xhud Stephen Cachia, rappreżentant ta' Transport Malta, xehed illi l-imputat kellu biss liċenzja tas-sewqan taħt il-kategorija B, jiġifieri dik li biha tkun tista' ssuq karozza.

*Is-seba' imputazzjoni*

20. L-imputazzjoni illi l-imputat uża vettura bil-mutur fit-toroq meta għall-użu tal-vettura minnu ma kienetx isseħħ polza ta` assigurazzjoni dwar ir-riskji ta` terzi persuni titfa piż fuq l-imputat sabiex ai termini tal-Art. 3(1A) tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta jġib prova kuntrarja li filfatt kellu ċertifikat tal-assigurazzjoni maħruġ taħt l-Art. 4(4) tal-istess Kap. Dan l-imputat m'għamlux u filfatt huwa stess ammetta illi huwa kien mingħalih, possibbilment għaliex skond hu hekk kien ġie infurmat, li anqas biss kellu bżonn liċenzja (kemm tas-sewqan u kemm tal-vettura) biex isuq il-mutur in kwistjoni.

21. Issa skond l-Art. 3(1B) tal-istess kapitolu:

> *'3(1B) Tista' tingħata eċċezzjoni valida, fil-prosekuzzjoni ta' reat taħt is-subartikolu (1), mill-akkużat jekk iġib prova li r-reat ikun sar mingħajr ma huwa kien jaf bih u li jkun eżerċita kull diliġenza dovuta biex ma jħallix li r-reat isir.'*

22. Kif diġà ingħad iktar 'l fuq l-imputat fix-xhieda tiegħu argumenta illi huwa kien filfatt staqsa lil Transport Malta qabel ma' saq l-mutur in kwistjoni u dawn qalulu li seta' jagħmel hekk. Fil-verità l-imputat ftit kien konvinċenti fix-xhieda tiegħu dwar eżattament huwa xi staqsa u lil min staqsa mill-Awtorità' apparti li ma' ressaq xejn

provi f'dan ir-rigward. Pereżempju huwa xehed li qalulu li seta' jsuq il-mutur imma ma' jgħidx jekk dak li saqsihom kienx rigward jekk kellux bżonn liċenzja biex isuq il-mutur jew jekk kellux bżonn jirreġistra l-mutur mal-Awtorita'. Ma' ressaq l-ebda prova dokumentarja in sostenn tal-allegazzjoni tiegħu (anke jekk f'xi waqt fix-xhieda tiegħu huwa semma *email,* liema *email* però imbagħad l-istess imputat qal li ma' tantx hija speċifika fuq il-materja in kwistjoni) u lanqas ma' prova jressaq xi xhud li seta' jixħet xi dawl fuq il-posizzjoni tiegħu. Għalkemm il-Qorti temmen illi l-imputat verament staqsa lil xi ħadd fuq jekk jistax isuq il-mutur in kwistjoni qabel ma' seħħ ir-reat, l-aġir tal-imputat ma' kienx tali li jipprova lill-Qorti b'mod sodisfaċenti illi huwa kien jaf eżattament x'qed isaqsi u x'informazzjoni kellu bżonn jottjeni mill-Awtorità.

23. Il-Qorti tista' forsi tasal għal konklużjoni illi r-reat sar mingħajr ma' huwa kien jaf bih, iżda ċertament ma' jirriżultaliex illi l-imputat eżerċita kull diliġenza dovuta biex ma' jħallix ir-reat isir.

**Piena għall-ħtija fuq l-ewwel, ħames u sitt imputazzjonijiet**

24. Il-piena għall-ħtija fuq l-ewwel imputazzjoni (Art. 21(1)(a) taħt il-Kap. 368) hija multa ta' mhux iżjed minn elfejn u ħames mitt euro (€2,500), jew daqs darbtejn l-ammont tat-taxxa ta' reġistrazzjoni f'perikolu, skont liema tkun l-aktar, jew għal priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sitt xhur, jew għal dik il-multa u priġunerija flimkien. Kif diġà ingħad ma' hemmx taxxa ta' reġistrazzjoni fuq il-mutur in kwistjoni u għalhekk il-piena applikabbli hija dik tal-multa ta' bejn €23.29 u €2,500. **B'żieda mal-piena**, taħt l-Artikolu 21(2), il-Qorti għandha tordna l-konfiska tal-mutur li dwarha jkun sar ir-reat.

25. Il-piena għall-ħtija fuq il-ħames imputazzjoni (Art. 15(1)(a) taħt il-Kap. 65) hija fil-każ tal-ewwel reat multa ta' mhux iżjed minn elf u mitejn euro (€1,200) jew priġunerija ta' mhux iżjed minn sena. **B'żieda mal-piena**, taħt l-Artikolu 15(3) tal-istess kapitolu, il-Qorti għandha tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien ta' mhux anqas minn tmint ijiem.

26. Il-piena għall-ħtija fuq is-sitt imputazzjoni (Art. 3(1) taħt il-Kap. 104) hija fil-każ tal-ewwel reat, multa ta' mhux anqas elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) iżda ta' mhux iżjed minn erbat elef, sitt mija u tmienja u ħamsin euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€4,658.75) jew priġunerija għal żmien

ta' mhux iżjed minn tliet xhur, jew il-multa u l-priġunerija flimkien. **B'żieda mal-piena** taħt l-Art. 3(2A) tal-istess kapitolu:

*'kull min jinstab ħati ta' reat taħt dan l-artikolu għandu (ħlief jekk il-qorti għal raġunijiet speċjali tikkunsidra li tordna mod ieħor u mingħajr preġudizzju għas-setgħa tal-qorti li tordna żmien itwal ta' skwalifika) jiġi skwalifikat milli jkollu jew li jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien ta' tnax-il xahar mid-data li jkun ġie misjub ħati'.*

27. Il-Qorti tħoss illi fiċ-ċirkostanzi tal-każ, meta l-piena stabbilita għal dan ir-reat hija diġà waħda sostanzjali u xi ftit jew wisq sproporzjonata għal dak li effettivament għamel l-imputat, għandha tagħlaq għajnejha f'dan il-każ u ma' timponiex l-iskwalifika tal-liċenzja tas-sewqan għal tnax-il xahar. Dan qegħda tagħmlu fl-interess tal-ġustizzja u għaliex temmen li l-imputat verament ma' kienx jaf li ser jikkommetti reat anke jekk ma' weriex id-diliġenza kollha meħtieġa sabiex jevita milli jiġri dan.

28. Inoltre skond l-Artikolu 36B(1) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.18 tal-Ligijiet ta' Malta 'għal kull kontravvenzjoni, għandhom jiġu imposti mill-Qorti tal-Maġistrati jew mill-Kummissarji tal-Ġustizzja, skont kif ikun il-każ, punti ta' penali kif indikat fis-Sitt Skeda, u dawn għandhom jiġu mniżżla f 'database komputerizzata li għandha titwaqqaf għal dan il-għan mill-Awtorità'. Skond is-Sitt Skeda, għall-użu ta' vettura mhux assigurata għal riskji kontra terzi l-punti penali huma bejn sitta u tmienja mentri għal sewqan xort'oħra milli skond il-liċenzja l-punti penali applikabbli huma ta' bejn tlieta u sitta.

**Deċiżjoni**

29. **Għal dawn ir-raġunijiet wara li rat l-artikoli relevanti tal-liġi ssib l-imputat ħati tal-imputazzjoni numru wieħed (użu ta' vettura li ma' tkunx ġiet reġistrata taħt l-Att dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur 21(1)(a) taħt il-Kap. 368), tal-imputazzjoni numru ħamsa (sewqan bla liċenzja taħt Kap 65 Artiklu 15 (1)(a)) u tal-imputazzjoni numru sitta (użu ta' vettura mingħajr kopertura ta' assigurazzjoni dwar riskji ta' terzi –Kap. 104 Art. 3(1)) iżda tilliberah mill-bqija tal-imputazzjonijiet u qegħda għalhekk:**

1. **Tikkundannah iħallas multa komplessiva ta' €2,380 liema multa għandha bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta'**

**Malta titħallas ratealment fuq medda ta' ħamsa u tletin (35) xahar permezz ta' pagamenti mensili ta' € 68 kull xahar b'dan illi jekk ma jsirx il-ħlas ta' xi waħda mir-rati, l-ammont sħiħ li jkun fadal għandu jkun dovut u jitħallas minnufih u, fin-nuqqas ta' tali ħlas, il-bilanċ tal-ammont dovut jkun awtomatikament konvertibbli fi priġunerija mingħajr il-ħtieġa ta' xi att ġudizzjarju ieħor.**

2. **Tiskwalifikah milli jżomm il-liċenzja tas-sewqan għal żmien tmient ijiem ai termini tal-Art. 15(1)(a) taħt il-Kap. 65.**

3. **Timponi penali ta' disa' (9) punti fuq il-liċenzja tas-sewqan tal-imputat ai termini tal-Artikolu 36B(1) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.18**

| | |
|---|---|
| V.G. Axiak | Y. M. Pace |
| Maġistrat | Dep. Reġistratur |